ISSN 1977-0987

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 112

Edizzjoni bil-Malti

Volum 55

18 ta' April 2012

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

III *Atti preparatorji*

Il-Qorti tal-Awdituri

2012/C 112/01 L-Opinjoni Nru 2/2012 *(skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 287(4) u l-Artikolu 311 u l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika)* dwar proposta emendata ġhal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 739, dwar proposta emendata ġhal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 740, dwar proposta emendata ġhal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqieġhdu ġhad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-htiġijiet fi flus kontanti — COM(2011) 742, dwar proposta ġhal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura ġhat-tqeġhid tad-dispożizzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq taxxa fuq il-valur miżjud — COM(2011) 737, dwar proposta ġhal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura biex isiru disponibbli r-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji — COM(2011) 738 1

MT

Prezz:
EUR 3

III

(Atti preparatorji)

IL-QORTI TAL-AWDITURI

L-OPINJONI Nru 2/2012

(skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 287(4) u l-Artikolu 311 u l-Artikolu 322(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika)

dwar proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 739,

dwar proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 740,

dwar proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti — COM(2011) 742,

dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid tad-dispożizzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq taxxa fuq il-valur miżjud — COM(2011) 737,

dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura biex isiru disponibbli r-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji — COM(2011) 738

(2012/C 112/01)

WERREJ

	Paragrafu	*Paġna*
INTRODUZZJONI	1-4	3
Il-PARTI I	5-54	3
Taqsira	5-11	3
Osservazzjonijiet speċifiċi	12-54	4
Eliminazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT	12-13	4
L-introduzzjoni ta' riżorsa li ttieħdet mir-riċevuti tal-VAT tal-Istati Membri	14-24	4
Ir-riżorsa l-ġdida tal-VAT hija eħfef iżda teħtieġ kjarifika dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-aġġornamenti tal-kalkoli	17-18	4
Ir-raġunament għal rapporti dwar il-frodi u l-irregolaritajiet mhuwiex ċar	19	4
Is-sistemi ta' kontroll u r-rekwiżiti ta' aċċess jeħtieġ li jiġu speċifikati	20-22	5
Ir-rapporti tal-Istati Membri se jgħinu lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-kontrolli interni	23	5
Il-proċeduri għal irkupri u tħassir għandhom ikunu armonizzati	24	5

	Paragrafu	*Paġna*
L-introduzzjoni ta' riżorsa proprja li ttieħdet mill-introjtu tal-Istati Membri mit-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji	25-36	5
L-introduzzjoni tal-FTT tista' tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-baġit tal-Istati Membri	30	6
Ir-riskji għas-suppożizzjonijiet dwar ir-riċevuti tal-FTT	31-34	6
Il-bidliet fl-għamla tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri	35	6
Ir-rekwiżiti ta' kontroll u aċċess jeħtieġ li jiġu speċifikati	36	6
Ir-riforma ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni	37-47	6
Il-korrezzjoni ta' ammont b'rata fissa hija eħfef iżda xorta waħda mhix trasparenti	40-42	6
In-nuqqas ta' kriterji biex jiġi stabbilit "il-piż eċċessiv tal-baġit"	43-44	7
Ir-reviżjoni f'nofs it-terminu tal-applikabbiltà tal-korrezzjonijiet meħtieġa	45-47	7
It-tnaqqis fil-perċentwal ta' riżorsi proprji tradizzjonali miżmuma mill-Istati Membri biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir	48-51	7
Ir-rabta bejn ir-rata ta' retenzjoni u l-ispiża tal-ġbir tibqa' mhux ċara	49-50	7
Iż-żieda fit-TOR tista' tkun inqas milli previst minkejja t-tnaqqis fir-rata ta' retenzjoni	51	7
Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross	52-54	8
In-nuqqas ta' definizzjoni ta' "bidliet sinifikanti fl-ING"	53-54	8
Il-PARTI II		8
Lista ta' kummenti għal kull proposta leġiżlattiva		8

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 287(4), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 311 u l-Artikolu 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet preċedenti mogħtija mill-Qorti tal-Awdituri dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej u l-Opinjonijiet tagħha Nru 4/2005 ([1]), Nru 2/2006 ([2]) u Nru 2/2008 ([3]) dwar proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari,

Wara li kkunsidrat it-talbiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru u t-12 ta' Diċembru 2011, għal opinjoni dwar il-proposti msemmija qabel,

Billi l-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau tal-25 u tas-26 ta' Ġunju 1984 ikkonkluda fost l-oħrajn ([4]), li l-politika tan-nefqa hija fl-aħħar nett il-mezz essenzjali biex tiġi solvuta l-kwistjoni tal-iżbilanċi tal-baġit. Madanakollu, kwalunkwe Stat Membru li qed iġarrab piż tal-baġit li huwa eċċessiv meta mqabbel mal-prosperità relattiva tiegħu jista' jibbenifika minn korrezzjoni fiż-żmien approprjat.

Billi l-Kunsill Ewropew ta' Berlin tal-24 u tal-25 ta' Marzu 1999 ikkonkluda ([5]), fost l-oħrajn, li s-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni għandha tkun ġusta, trasparenti, kost-effettiv[a] u sempliċi u li għandha tkun ibbażata fuq kriterji li jesprimu bl-aħjar mod l-abilità ta' kull Stat Membru li jikkontribwixxi.

Billi l-Kunsill Ewropej [Ewropew] ta' Brussell tal-15 u tas-16 ta' Diċembru 2005 laħaq ftehim ([6]), fost l-oħrajn, li l-arranġamenti dwar ir-riżorsi proprji għandhom ikunu ggwidati mill-għan ġenerali tal-ekwità, għaldaqstant dawn l-arranġament[i] għandhom jiżguraw, li l-ebda Stat Membru ma jkollu jġorr piż baġitarju li jkun eċċessiv meta mqabbel mal-prosperità relattiva tiegħu u li huwa għalhekk xieraq li jiddaħħlu dispożizzjonijiet li jkopru lill-Istati Membri speċifiċi,

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

INTRODUZZJONI

1. Fl-opinjoni tal-Qorti, is-sistema attwali tal-finanzjament tal-baġit tal-UE hija kumplessa u nieqsa mit-trasparenza. Il-Kummissjoni għamlet reviżjoni ta' din is-sistema, billi tfittex li tirrimedja wħud mid-dgħufijiet attwali. Il-proposta tagħha tibni fuq l-opportunitajiet ippreżentati mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([7]) (TFUE) li jippermettu għall-ħolqien ta' riżorsi ġodda u tqis il-ħtieġa għal konsolidazzjoni baġitarja biex tindirizza l-kriżi finanzjarja attwali.

2. Fid-9 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni pproponiet Deċiżjoni tal-Kunsill u erba' Regolamenti tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji għall-perjodu tal-2014. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta u l-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha jipprovdu r-raġuni fundamentali għall-mudell il-ġdid għall-finanzjament tal-baġit tal-UE li jiffinanzja u jistipulaw l-elementi ewlenin tas-sistema l-ġdida ta' "riżorsi proprji". Ir-regolamenti proposti jistipulaw f'aktar dettall kif id-deċiżjoni dwar riżorsi proprji għandha tiġi implimentata.

3. Il-Kummissjoni tipproponi ħames bidliet sinifikattivi għall-mod kif il-baġit tal-Unjoni Ewropea se jiġi ffinanzjat għall-perjodu tal-2014-2020:

— l-eliminazzjoni tar-riżorsa proprja eżistenti bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT);

— l-introduzzjoni ta' riżorsa ġdida li ttieħdet mill-fatturi tal-VAT tal-Istati Membri;

— l-introduzzjoni ta' riżorsa proprja li ttieħdet mill-fatturi tal-Istati Membri mit-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji proposta (FTT);

— ir-riforma tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni, u

— tnaqqis fil-perċentwal ta' riżorsi proprji tradizzjonali (TOR) miżmuma mill-Istati Membri biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir.

4. Din l-opinjoni tkopri d-deċiżjoni u r-regolamenti flimkien bħala pakkett. Fil-Parti I, il-paragrafi 5 sa 51 jiddeskrivu l-bidliet proposti u jiddikjaraw l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar dawn u huma bbażati fuq opinjonijiet preċedenti tal-Qorti fejn hu relevanti. Il-paragrafi 52 sa 54 jindirizzaw arranġamenti marbuta mal-introjtu nazzjonali gross (ING) – abbażi tar-riżorsi proprji li ma jinbidlux b'mod sinifikanti mir-regolamenti l-ġodda iżda li l-Qorti għamlet xi osservazzjonijiet fuqhom. Il-Parti II tikkonsisti f'lista ta' kummenti tal-Qorti għal kull proposta leġiżlattiva.

IL-PARTI I

Taqsira

5. Il-Qorti tinnota li l-proposta għall-eliminazzjoni tar-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT twieġeb għad-dgħufijiet identifikati mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Qorti fl-opinjonijiet preċedenti.

6. Il-Qorti tqis li riżorsa proprja proposta u bbażata fuq il-VAT xorta se tkun waħda kumplessa, iżda inqas mir-riżorsa proprja eżistenti bbażata fuq il-VAT. Huwa importanti li r-rekwiżiti tal-Kummissjoni ta' kontroll u aċċess ikunu definiti b'mod ċar. Għandha ssir referenza għad-drittijiet għall-aċċess tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri skont l-Artikolu 287 tat-TFUE.

7. L-użu tal-FTT bħala riżorsa proprja jiddependi fuq l-introduzzjoni ta' dik it-taxxa fl-Istati Membri kollha tal-UE. Hemm imprevidibbiltà għall-ammont ta' riżorsi proprji li jistgħu jinġiebu minn dan is-sors. Kwalunkwe introjtu ta' dan it-tip inaqqas l-affidabbiltà fiq ir-riżorsa bbażata fuq l-ING.

([1]) ĠU C 167, 7.7.2005, p. 1.
([2]) ĠU C 203, 25.8.2006, p. 50.
([3]) ĠU C 192, 29.7.2008, p. 1.
([4]) Ara l-Bulettin KE 6-1984.
([5]) Ara l-Bulettin UE 3-1999.
([6]) Ara l-paragrafu 6 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza (id-Dokument tal-Kunsill 15914/1/05, REV 1, CONCL 3 tat-30 ta' Jannar 2006) li jirreferi għad-Dokument tal-Kunsill 15915/05 CADREFIN 268 tad-19 ta' Diċembru 2005 u b'mod partikolari l-paragrafu 77 tiegħu.
([7]) L-Artikolu 311(3).

8. Il-korrezzjonijiet proposti tal-ammont b'rata fissa għal erba' Stati Membri huma eħfef mis-sistema attwali, iżda hemm l-iżvantaġġi xorta waħda.

9. Il-Qorti tikkummenta li r-rabta bejn ir-rata ta' retenzjoni u l-ispiża tal-ġbir tat-TOR tibqa' mhux ċara.

10. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING ma ġietx milquta mill-proposti tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti tinnota li, bħal fil-perjodi ta' finanzjament attwali u preċedenti, il-Kummissjoni tirreferi għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każijiet ta' "bidliet sinifikanti" fl-ING iżda ma ddefinixxietx x'jikkostitwixxi l-"bidla sinifikanti".

11. L-impatt globali tal-bidliet proposti mill-Kummissjoni kieku jkun li tinbidel l-għamla tar-riżorsi kif ukoll is-sehem imħallas minn Stati Membri individwali lill-baġit tal-UE.

Osservazzjonijiet speċifiċi

Eliminazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT

12. Il-Kummissjoni tipproponi li r-riżorsa proprja eżistenti bbażata fuq il-VAT tiġi eliminata mill-2014 'il quddiem. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni mad-Deċiżjoni proposta li tiddikjara li t-tneħħija ta' din ir-riżorsa proprja kumplessa kieku tissimplifika b'mod konsiderevoli l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ammontat għal 11,2 % ta' riżorsi proprji fl-2010.

13. Il-Qorti kkritikat din ir-riżorsa proprja f'diversi okkażjonijiet [1] għal kumplessità tal-kalkolu tagħha li jinvolvi riżorsi amministrattivi sinifikanti [2] u n-nuqqas tagħha ta' rabta diretta mal-bażi għat-taxxa. Il-Qorti tinnota li l-proposta tindirizza dawn id-dgħufijiet.

L-introduzzjoni ta' riżorsa li ttieħdet mir-riċevuti tal-VAT tal-Istati Membri

14. Il-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi riżorsa proprja ġdida biex tittieħed mir-riċevuti tal-VAT tal-Istati Membri. Il-proposta tiddikjara li s-sehem tal-VAT għandu jkun disponibbli minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni minħabba li r-riżorsi proprji jkunu 1% [3] tal-valur nett ta' provvisti ta' merkanzija u servizzi, akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u għall-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għal rata standard ta' VAT f'kull Stat Membru stabbiliti skont ir-regoli tal-Unjoni.

15. Il-metodu tal-kalkolu dettaljat huwa stipulat fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura ghat-tqeġħid tad-dispożizzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq taxxa fuq il-valur miżjud - COM(2011) 737 tad-9 ta' Novembru 2011. Dan jitlob li l-Kummissjoni tiddetermina, qabel l-2014, proporzjon medju uniku tal-Unjoni tal-valur tal-provvisti taxxabbli [4] meta mqabbla mal-valur tal-provvisti totali.

16. Ir-riżorsa proprja l-ġdida tal-VAT kieku tiġi introdotta mill-1 ta' Jannar 2014 u tkun disponibbli kull xahar għall-Istati Membri b'mod simili għal dak tar-riżorsi proprji tradizzjonali, iżda mingħajr retenzjoni għall-ispejjeż tal-ġbir. Skont il-Kummissjoni, sal-2020, din ir-riżorsa proprja kieku tikkontribwixxi 18 % tar-riżorsi proprji tal-UE.

Ir-riżorsa l-ġdida tal-VAT hija eħfef iżda teħtieġ kjarifika dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-aġġornamenti tal-kalkoli

17. Din ir-riżorsa l-ġdida hija maħsuba li tkun eħfef u tinvolvi inqas spejjeż amministrattivi. Madankollu, il-kalkolu tal-proporzjon medju msemmi fil-paragrafu 15 jiddependi fuq l-istess tip ta' *data* statistika kumplessa li tintuża għall-kalkolu tar-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT. Dan kieku jkun kalkolu ta' darba tal-proporzjon medju li jkun validu għall-perjodu kollu tal-2014-2020. Għaldaqstant, il-preċiżjoni ta' dan il-kalkolu hija importanti. Hemm dispożizzjoni biex dan il-kalkolu jiġi aġġornat abbażi ta' raġunijiet iġġustifikati kif xieraq. Il-proposta tal-Kummissjoni ma tispeċifikax x'jistgħu jkunu dawn iċ-ċirkostanzi.

18. Id-determinazzjoni tal-intitolament tal-UE tinvolvi wkoll li jsiru korrezzjonijiet għall-VAT miġbura, għalkemm inqas milli taħt is-sistema attwali bbażata fuq il-VAT. Għaldaqstant, ir-riżorsi proprji proposti ta' bbażati fuq sehem tal-VAT kieku xorta jibqgħu kumplessi, iżda inqas mir-riżorsa proprja eżistenti bbażata fuq il-VAT.

Ir-raġunament għal rapporti dwar il-frodi u l-irregolaritajiet mhuwiex ċar

19. Il-Kummissjoni tipproponi li għar-riżorsa proprja l-ġdida tal-VAT [5], l-Istati Membri jirrappurtaw lill-Kummissjoni, każjiet ta' frodi u irregolaritajiet misjuba li jinvolvu intitolamenti ta' 'l fuq minn EUR 10 000. Dan ir-rekwiżit huwa bbażat fuq is-sistema attwali għar-rappurtar ta' frodi u rregolaritajiet tat-TOR. Is-sehem tal-VAT miġbura li għandu jinġabar bħala riżorsi proprji huwa żgħir. Il-Qorti tappoġġja l-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet iżda tissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tiċċara jekk il-vantaġġi potenzjali tar-rekwiżit ta' rappurtar jegħlbux l-iżvantaġġi probabbli fit-termini ta' spejjeż amministrattivi għall-Istati Membri.

---

[1] Pereżempju: l-Opinjoni Nru 4/2005, il-paragrafi 9 sa 11 u t-Tweġiba mill-QEA lill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nirriformaw il-Baġit, Nibdlu l-Ewropa" tad-9 ta' April 2008.

[2] Pereżempju: Riżorsi amministrattivi sinifikanti huma meħtieġa fil-livell tal-Istat Membru u tal-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti u sussegwentement jitneħħew ir-riżervi. Mill-31 ta' Diċembru 2010 kien hemm 152 reżerva pendenti, uħud minnhom ikopru snin li jmorru lura sal-1995. Ara l-paragrafu 2.22 tar-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti.

[3] Ir-rata massima hija ffissata għal 2 % fil-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill COM(2011) 739 tad-9.11.2011.

[4] Definita bħala provvista soġġetta għar-rata standard tal-VAT applikata f'kull Stat Membru.

[5] Il-proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 740.

Is-sistemi ta' kontroll u r-rekwiżiti ta' aċċess jeħtieġ li jiġu speċifikati

20. L-Artikoli 5-8 tal-proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 740 tad-9 ta' Novembru 2011 jistipulaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u s-sorveljanza tar-reġim tar-riżorsi proprji l-ġodda. Dawn jirriflettu ħafna fuq l-arranġamenti eżistenti fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 ([1]).

21. L-Artikolu 5(4) jiddikjara li l-ispetturi tal-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti ta' sostenn dwar l-istabbilment u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji, "u għal kwalunkwe dokumenti oħra xierqa marbuta ma' dawk id-dokumenti ta' sostenn". L-introduzzjoni tar-riżorsa proprja l-ġdida tal-VAT tista' titlob l-aċċess tal-aġenti awtorizzati tal-Kummissjoni għar-reġistri tal-ġbir u l-infurzar tal-Istati Membri minħabba r-rabta diretta bejn it-taxxa miġbura u r-riżorsa proprja. Il-limiti u l-livelli preċiżi ta' dan l-aċċess għandhom jiġu stabbiliti b'mod espliċitu. Barra minn dan, għandha ssir referenza għad-drittijiet għall-aċċess tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri skont l-Artikolu 287 tat-TFUE.

22. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jiddiskriminawx bejn it-TOR, meta l-introjtu kollu huwa dovut lill-UE (inqas retenzjoni tal-ispejjeż tal-ġbir) u l-VAT, meta l-introjtu huwa dovut lill-Istat Membru u sussegwentement, sehem huwa allokat lill-UE ([2]). Għalhekk għandu jiġi ċċarat jekk il-possibbiltà għall-ispetturi tal-Kummissjoni li jikkuntattjaw lid-debituri, kif stipulat fl-Artikolu 7(2) tar-regolament propost, għandhiex tinkludi d-debituri tal-VAT tal-Istati Membri.

Ir-rapporti tal-Istati Membri se jgħinu lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-kontrolli interni

23. L-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu, tal-COM(2011) 740 huwa ġdid u jeħtieġ l-Istati Membri li jibagħtu lill-Kummissjoni, fuq talba, dokumenti bħal rapporti ta' verifika interna relevanti. Dan jippermetti lill-Kummissjoni biex tikseb assigurazzjoni addizzjonali dwar l-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern.

Il-proċeduri għal irkupri u tħassir għandhom ikunu armonizzati

24. Hemm differenza fit-trattament tad-djun tal-Komunità soġġett għal proċeduri ta' rkupru bejn dawn l-ammonti li ma tħallsux kif xieraq skont il-politika agrikola komuni u d-djun ta' dazji doganali. Dan hu partikolarment il-każ skont il-leġiżlazzjoni tal-UE għal proċeduri ta' tħassir ([3]). L-Artikolu 12 tal-proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti - COM(2011) 742 tad-9 ta' Novembru 2011 iżommu din l-inkonsistenza. Il-Qorti tqis li filwaqt li d-djun kollha tal-Komunità għandhom jirċievu l-istess trattament, il-proċeduri għandhom ikunu armonizzati wkoll.

L-introduzzjoni ta' riżorsa proprja li ttieħdet mill-introjtu tal-Istati Membri mit-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji

25. L-introduzzjoni tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji kienet proposta fit-28 ta' Settembru 2011 fil-COM(2011) 594: Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE. Il-Qorti ma ġietx mitluba biex tipprovdi opinjoni dwar din il-proposta. Hija ġiet mitluba biex tagħti opinjoni dwar l-adegwatezza tat-taxxa bħala riżorsa proprja.

26. It-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji kieku tkun taxxa mifruxa mal-Ewropa kollha fuq:

(a) ix-xiri u l-bejgħ ta' strument finanzjarju;

(b) it-trasferiment bejn entitajiet ta' grupp tad-dritt li jiddisponu minn strument finanzjarju bħala s-sid u kwalunkwe operazzjoni ekwivalenti li timplika t-trasferiment tar-riskju assoċjat mal-istrument finanzjarju; u

(c) il-konklużjoni jew il-modifika ta' ftehim dwar derivati.

27. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-VAT, id-dħul mit-taxxa jkun dovut lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tipproponi li sehem minn din it-taxxa għandu jagħmel parti minn riżorsi proprji. Dan is-sehem ikun żewġ terzi tar-rati minimi stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva proposta dwar l-FTT. Dawn ir-rati minimi huma stabbiliti għal 0,1% tal-ammonti taxxabbli (0,01 % fil-każ ta' derivati).

28. Huwa propost li r-riżorsa proprja tal-FTT tiġi introdotta mill-1 ta' Jannar 2014, tinġabar mill-Istati Membri u tkun disponibbli kull xahar b'mod simili għal dak tar-riżorsi proprji tradizzjonali, iżda mingħajr retenzjoni għall-ispejjeż tal-ġbir. Skont il-Kummissjoni, sal-2020 is-sehem tal-UE tal-FTT kieku jammonta għal 23 % tar-riżorsi proprji.

29. Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni, dan ikun sors ġdid ta' introjtu li li jista' jnaqqas il-kontribuzzjonijiet eżistenti tal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-isforz ġenerali għall-konsolidazzjoni tal-baġit.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1) kif emendat.

([2]) Il-premessa 7 tal-COM(2011) 740 tiddikjara li d-dispożizzjonijiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika ta' kull riżorsa proprja.

([3]) L-Artikolu 32 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 kif emendat.

L-introduzzjoni tal-FTT tista' tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-baġit tal-Istati Membri

30. Il-premessa 8 għall-proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 739 tad-9 ta' Novembru 2011 tiddikjara li l-iżvilupp tas-sistema tar-riżorsi proprji għandha tnaqqas il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit annwali tal-Unjoni u tipparteċipa fl-isforzi tagħhom biex jikkonsolidaw il-baġit. L-introduzzjoni ta' FTT, kif propost fil-COM(2011) 594, tista' tipprovdi aktar riżorsi għall-baġits nazzjonali tal-Istati Membri u għalhekk tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-baġit tagħhom.

Ir-riskji għas-suppożizzjonijiet dwar ir-riċevuti tal-FTT

31. Il-Kummissjoni tiddikjara, fil-memorandum ta' spjegazzjoni, li l-inizjattiva li tiġi introdotta din it-taxxa fl-Unjoni Ewropea se tikkostitwixxi l-ewwel pass lejn l-applikazzjoni tat-TTF [FTT] fil-livell globali. Il-potenzjal tal-introjtu għall-FTT fil-livell nazzjonali huwa vvalutat bħala sinifikanti ([1]) bil-kontribuzzjoni antiċipata ta' EUR 37 biljun għall-baġit tal-UE sal-2020.

32. Il-Qorti tqis li fin-nuqqas ta' FTT globali, hemm riskju li r-rilokazzjoni, li permezz tagħha l-istituzzjonijiet finanzjarji jiċċaqalqu sabiex jesegwixxu t-tranżazzjonijiet fil-ġurisdizzjonijiet barra l-UE, taffettwa din is-suppożizzjoni b'mod materjali. Sabiex jiġu ssodisfati s-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat is-sors ġdid ta' introjtu tar-riżorsa proprja bbażat fuq it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju, din għandha tiġi introdotta fl-Istati Membri kollha.

33. Il-proposta li jiġi allokat sehem tal-FTT bħala riżorsa proprja tassumi li l-Kunsill se jaċċetta l-proposta tal-Kummissjoni li l-Istati Membri kollha għandhom jintroduċu dik it-taxxa. Il-Qorti m'għandhiex tikkummenta fuq il-probabbiltà jew ix-xewqa ta' deċiżjoni bħal din.

34. Ir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING li jintużaw fil-perjodu 2007-2013 huma bażijiet tat-taxxa relattivament stabbli u previdibbli. Riżorsa proprja li tittieħed mill-FTT għall-kuntrarju tkun ibbażata b'mod limitat fuq attività ekonomika li hija soġġetta għal varjazzjonijiet sinifikanti u imprevidibbli. Din il-volatilità jista' jkollha impatt fuq il-livell ta' riżorsi proprji li għandhom jinġiebu minn dak is-sors.

Il-bidliet fl-għamla tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri

35. It-trasferiment ta' sehem tal-FTT miġbur għall-baġit tal-UE, inaqqas il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING bl-istess ammont. L-effett fuq il-kontribuzzjonijiet lill-baġit annwali tal-Unjoni jkun newtrali fil-livell tal-UE-27. Madankollu, l-allokazzjoni ta' sehem tal-FTT bħala riżorsa ġdida tal-UE tibdel b'mod sinifikanti l-inċidenza tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri lill-baġit annwali tal-Unjoni.

([1]) Id-dokument ta' ħidma mill-persunal tal-Kummissjoni: Sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt, li jakkumpanja d-dokument COM(2011) 594 (SEC(2011) 1103), it-taqsima 6.1.

Ir-rekwiżiti ta' kontroll u aċċess jeħtieġ li jiġu speċifikati

36. L-Artikoli 5 sa 8 tal-COM(2011) 740 jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw kontroll u sorveljanza tar-reġim tar-riżorsi proprji l-ġodda. L-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-rekwiżiti ta' kontroll u aċċess għar-riżorsa proprja l-ġdida tal-VAT huma stabbiliti fil-paragrafi 20 sa 22. L-osservazzjonijiet tal-Qorti japplikaw ukoll għall-FTT proposta.

Ir-riforma ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni

37. Il-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau tal-1984 stabbilixxa li "kwalunkwe Stat Membru li jkollu jġorr piż baġitarju li jkun eċċessiv meta mqabbel mal-ġid relattiv tiegħu jista' jgawdi minn korezzjoni fiż-żmien opportun". Minn dak iż-żmien id-Deċiżjonijiet suċċessivi dwar ir-riżorsi proprji inkludew korrezzjoni għar-Renju Unit. Kien hemm ukoll mekkaniżmi temporanji ta' korrezzjonijiet għall-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u l-Isvezja.

38. Il-Kummissjoni tipproponi li tirristuttura l-mekkaniżmi biex tikkoreġi l-piżijiet eċċessivi tal-baġit. Il-korrezzjonijiet eżistenti kollha jinbidlu b'korrezzjonijiet ta' ammont b'rata fissa għal erba' Stati Membri li fuqhom il-Kummissjoni vvalutat li jaqa' dan il-piż (ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja) ([2]). Dawn l-ammonti b'rata fissa jiġu stabbiliti minn qabel u jiġu applikati kull sena matul il-perjodu tal-2014-2020.

39. Il-korrezzjonijiet tal-ammonti b'rata fissa jirrappreżentaw tnaqqis gross għall-kontribuzzjonijiet tal-ING annwali ta' dawk l-erba' Stati Membri. Dawn il-korrezzjonijiet jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri kollha, inklużi l-erba' Stati Membri kkonċernati. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni t-tnaqqis gross ta' EUR 7 500 miljun iwassal għal tnaqqis nett totali ta' EUR 4 334 miljun fis-sena għall-erba' Stati Membri ([3]).

Il-korrezzjoni ta' ammont b'rata fissa hija eħfef iżda xorta waħda mhix trasparenti

40. Il-Qorti qabel kienet iddikjarat ([4]) li l-eżistenza ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' korrezzjoni tikkomprometti s-simpliċità u t-trasparenza tas-sistema tar-riżorsi proprji u li l-bilanċi netti mhumiex indikaturi tajbin għall-valutazzjoni tal-vantaġġi globali li għandhom jinkisbu mill-politika tal-Unjoni minħabba li dawn ma jqisux l-effett multiplikatur ta' din il-politika. Id-dokument ta' ħidma mill-persunal tal-Kummissjoni ([5]) jiddikjara li "kwalunkwe mekkaniżmu ta' korrezzjoni se jkun jeħtieġ li jiġi ġustifikat b'attenzjoni, mhux biss permezz ta' miżuri ta' kontabilità dibattibbli, iżda minħabba l-bilanċ globali ta' benefiċċji mill-baġit u l-politika tal-UE..." M'hemmx evidenza li dan twettaq mill-Kummissjoni.

([2]) L-Artikolu 4(2) tal-COM(2011) 739.

([3]) It-tnaqqis gross u nett fil-kontribuzzjonijiet tal-ING espressi f'euro jkun kif ġej: il-Ġermanja 2 500 miljun gross u 990 miljun nett; il-Pajjiżi l-Baxxi 1 050 miljun gross u 683 miljun nett; l-Isvezja 350 miljun gross u 119-il miljun nett; ir-Renju Unit 3 600 miljun gross u 2 542 miljun nett. Id-*data* pprovduta mill-Kummissjoni.

([4]) Il-paragrafu 19 tal-Opinjoni Nru 4/2005.

([5]) SEC(2011) 876, li jakkumpanja l-proposta emendata għad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Ara partikolarment il-paġna 44 (EN).

41. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill attwali dwar is-sistema tar-riżorsi proprji daħlet fis-seħħ sentejn u nofs wara l-bidu ta' din il-perspettiva finanzjarja multiannwali ([1]). Din saret minħabba li l-Istati Membri ma setgħux jilħqu ftehim dwar il-korrezzjonijiet ta' finanzjament sat-tmiem tan-negozjati formali. Il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex ċara dwar ir-regoli għall-korrezzjonijiet ta' finanzjament, b'mod partikolari dwar kif intlaħaq ftehim dwar il-korrezzjonijiet netti. Il-Qorti tqis li aktar trasparenza dwar il-korrezzjonijiet ta' finanzjament tippermetti lill-Kunsill biex jadotta leġiżlazzjoni rispettiva fil-ħin.

42. L-ammonti b'rata fissa proposti, madankollu, se jkunu ta' titjib relattiv fis-simpliċità u t-trasparenza tas-sistema tar-riżorsi proprji. Il-korrezzjoni eżistenti tar-Renju Unit hija mekkaniżmu li l-kumplessità tiegħu wassal biex il-preċiżjoni tiegħu tilħaq kompromess u biex il-kalkolu tiegħu jkun fih l-iżbalji ([2]).

In-nuqqas ta' kriterji biex jiġi stabbilit "il-piż eċċessiv tal-baġit"

43. Il-Kummissjoni infurmat lill-Qorti li hija bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq dak li l-Istati Membri kieku jibbenefikaw minn korrezzjoni ta' ammont b'rata fissa fuq indikatur ta' bilanċ nett u analizzat il-proporzjon ta' dak il-bilanċ bi tqabbil ma' ġid relattiv u li l-korrezzjonijiet kienu kalibrati sabiex l-erba' Stati Membri jaslu għal proporzjon komparattiv. Madankollu, dawn il-kalkoli ma ġewx ipprovduti lill-Qorti u għalhekk ma tistax tikkummenta dwarhom.

44. Mhuwiex ċar mill-proposta tal-Kummissjoni x'kienu l-kriterji li ntużaw biex jiġi definit "il-piż eċċessiv tal-baġit". Hemm ambitu biex l-inklużjoni ta' regoli ċari titqies b'rabta mal-ġid relattiv għall-allokazzjoni tal-korrezzjonijiet lill-Istati Membri li jissodisfaw il-kriterji li bihom jiġi żgurat it-trattament indaqs tal-Istati Membri kollha. Barra minn dan, il-proċess tan-negozjati dwar il-finanzjament tal-baġit tal-UE isir aktar trasparenti u jiffaċilita aktar fowkus fuq il-ġejjieni tan-naħa tan-nefqa tal-baġit tal-UE.

Ir-reviżjoni f'nofs it-terminu tal-applikabbiltà tal-korrezzjonijiet meħtieġa

45. F'opinjonijiet preċedenti ([3]), il-Qorti kkritikat in-nuqqas ta' proċedura ta' monitoraġġ biex jiġi kkontrollat li l-korrezzjonijiet xorta waħda huma ġustifikati jew jekk Stati Membri oħra jikkwalifikawx għal korrezzjoni.

46. Il-kunċett ta' korrezzjoni li titħallas "fil-ħin opportun" fid-dikjarazzjoni tal-1984 tirrepeti ruħha fil-premessa 10 tal-COM(2011) 739. Bl-istess mod il-premessa 11 tiddikjara li "korrezzjoni għandha ddum biss sakemm tibqa' taqdi l-għan tagħha". L-istabbiliment tal-ammonti b'rata fissa għal seba' snin mhuwiex kompatibbli ma' dan.

47. Għaldaqstant, għadu qed jiġi kkunsidrat jekk għandux ikun hemm reviżjoni f'nofs it-terminu li tiżgura li l-erba' Stati Membri (ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja) għadhomx jissodisfaw il-kriterji biex jibbenefikaw minn korrezzjoni b'rata fissa, tiddetermina jekk l-ammonti għandhomx jiġu modifikati u tivvaluta mill-ġdid jekk xi Stati Membri oħra jissodisfawx il-kriterji.

It-tnaqqis fil-perċentwal ta' riżorsi proprji tradizzjonali miżmuma mill-Istati Membri biex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir

48. Il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas ir-rata tat-TOR li għandha tinżamm mill-Istati Membri bħala spejjeż tal-ġbir minn 25 % għal 10 %. Din tal-aħħar kienet ir-rata ta' retenzjoni sal-2000. It-TOR huwa previst li jammonta għal 19 % tar-riżorsi proprji fl-2020 (13 % fl-2010).

Ir-rabta bejn ir-rata ta' retenzjoni u l-ispiża tal-ġbir tibqa' mhux ċara

49. Il-Kummissjoni tqis ir-retenzjoni mill-Istati Membru tal-25 % tal-ammonti miġbura għat-TOR bħala korrezzjoni moħbija minħabba li huwa probabbli li taqbeż l-ispejjeż attwalment imġarrba. Id-deċiżjoni tar-Rilaxx tal-2005 tal-Kunsill irrakkomandat li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-ispejjeż tal-amministrazzjoni tat-tħaddim tas-sistema tar-riżorsi proprji. M'hemmx evidenza li din twettqet. It-tnaqqis tar-rata ta' retenzjoni għal 10 % jikkontribwixxi għat-tneħħija ta' din il-korrezzjoni moħbija prevista.

50. Il-Qorti tirrakkomanda li għandha tingħata konsiderazzjoni mill-Kunsill dwar jekk rata ogħla ta' retenzjoni tistax isservi bħala inċentiv li jinkoraġġixxi lill-Istati Membri fl-attività tal-verifika *ex-post*. Ftit li xejn kontrolli doganali jitwettqu waqt l-importazzjoni u l-kontroll ewlieni huwa verifiki *ex-post* tagħhom fl-istabbilimenti tan-negozjant. Dawn il-verifiki għandhom ikunu frekwenti u dettaljati biżżejjed biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE.

Iż-żieda fit-TOR tista' tkun inqas milli previst minkejja t-tnaqqis fir-rata ta' retenzjoni

51. L-analiżi tal-Kummissjoni stess tipprevedi żieda fis-sehem tat-TOR tar-riżorsi proprji minn 14,7 % fl-2012 għal 18,9 % fl-2020. Dan inaqqas il-kontribuzzjonijiet (l-ING) tal-Istati Membri. It-tnaqqis tar-rata ta' retenzjoni minn 25 % għal 10 % jgħin biex tinkiseb din iż-żieda. Madankollu, għandu jitqies li x-xejra fuq medda ta' żmien twil fit-TOR hija 'l isfel, l-aktar minħabba politika dwar il-kummerċ tal-UE u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tad-WTO u għalhekk hemm riskju li żżieda prevista fis-sehem tat-TOR matul il-perjodu tista' ma timmaterjalizzax.

([1]) Fil-qafas finanzjarju attwali, l-ewwel kontribuzzjoni skont id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom saret fl-1 ta' Ġunju 2009.
([2]) Pereżempju, il-paragrafi 2.16 u 2.31 sa 2.33 tar-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti.
([3]) Il-paragrafu 14 tal-Opinjoni Nru 4/2005 u l-paragrafi 9(b) u (c) tal-Opinjoni Nru 2/2006.

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross

52. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING ma ġietx milquta mill-proposti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tipprevedi li din se tammonta għal 40 % tar-riżorsi proprji fl-2020 (76 % fl-2010).

In-nuqqas ta' definizzjoni ta' "bidliet sinifikanti fl-ING"

53. Bħal fis-sistemi tar-riżorsi proprji attwali u preċedenti, l-Artikolu 2 tal-COM(2011) 740 jirreferi għal azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu f'każ ta' "bidliet sinifikanti fl-ING". Dan jikkonċerna b'mod partikolari d-*data* tal-ING li għandha titqies għall-pagament ta' riżorsi proprji minħabba l-modifikazzjoni għall-qafas tal-kontabilità tal-ESA. Dan jikkonċerna wkoll ir-reviżjoni relatata ta' limiti massimi għal pagamenti u l-impenji fil-baġit (espressi bħala perċentwal tas-somma tal-ING kollu tal-Istati Membri fl-Artikolu 3 tal-COM(2011) 739). Il-Qorti qabel kienet iddikjarat [1] li l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi x'jikkostitwixxi "bidliet sinifikanti". Il-Kummissjoni għadha ma pprovdietx din id-definizzjoni.

54. Id-definizzjoni ta' "kriterji ta' materjalità" hija partikolarment importanti minħabba li skont l-Artikolu 2, m'għadux previst li l-Kunsill għandu jiddeċiedi (billi jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew) jekk il-modifiki għall-qafas ta' kontabilità tal-ESA għandhomx japplikaw għall-għanijiet tar-riżorsi proprji. Id-dispożizzjoni l-ġdida proposta tgħid biss li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar id-dati ta' applikazzjoni ta' dawn il-bidliet fl-ESA.

IL-PARTI II

Lista ta' kummenti għal kull proposta leġiżlattiva

Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 739

Referenza	Kummenti
It-Taqsima 2.2 tal-memorandum ta' spjegazzjoni COM(2011) 510 (il-verżjoni oriġinali tal-COM(2011) 739)	Ir-riskju ta' rilokazzjoni li permezz tagħha l-istituzzjonijiet finanzjarji jiċċaqalqu sabiex jeseġwixxu t-tranżazzjonijiet fil-ġurisdizzjonijiet barra l-UE, jekk ma jkunx hemm FTT globali, jaffettwa din is-suppożizzjonitad-dħul tal-baġit tal-UE b'mod materjali (ara l-paragrafu 32).
Iċ-ċitazzjonijiet	Iċ-ċitazzjoni għandha tirreferi għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
Il-Premessa 8	L-introduzzjoni tar-riżorsa proprja tal-FTT ma tiksibx l-għan iddikjarat ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali fil-livell tal-UE-27. Madankollu, l-inċidenza tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri tinbidel (ara l-paragrafu 35).
Il-Premessi 10 u 11 u l-Artikolu 2	L-istabbiliment tal-ammonti b'rata fissa għal seba' snin mhuwiex kompatibbli mal-kunċett ta' korrezzjoni li tithallas "fil-hin opportun" u li "korrezzjoni għandha ddum biss sakemm tibqa' taqdi l-għan tagħha" sakemm ma ssirx reviżjoni f'nofs it-terminu (ara l-paragrafi 45 sa 47).
L-Artikolu 2(1)(b)	Dan l-artikolu għandu jirreferi għall-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-FTT proposta (COM(2011) 594), milli l-Artikolu 8(3).
L-Artikolu 2(3)	Fir-rigward tal-ammonti rkuprati bħala riżultat ta' verifiki doganali *ex-post*, il-perċentwal li għandu jinżamm jista' jkun ogħla minn 10 % sabiex jinkoraġġixxi din l-attività tal-verifika *ex-post* (ara l-paragrafu 50).
L-Artikolu 4(2)	L-eżistenza ta' kwalunkwe mekkaniżmu ta' korrezzjoni tikkomprometti s-simpliċità u t-trasparenza tas-sistema tar-riżorsi proprji u l-bilanċi netti mhumiex indikaturi tajbin għall-valutazzjoni tal-vantaġġi globali li għandhom jinkisbu mill-politika tal-Unjoni minħabba li dawn ma jqisux l-effett multiplikatur ta' din il-politika (ara l-paragrafu 40).
Tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness	Ir-referenza għandha tkun l-Artikolu 5 aktar milli l-artikolu 5(1).

Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri implimentattivi għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — COM(2011) 740

Referenza	Kummenti
COM(2011) 740	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali fil-prezzijiet tas-suq (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1) li huwa kkwotat fil-COM(2011) 740 jirreferi għall-ING fl-applikazzjoni tal-ESA 95. Minħabba l-introduzzjoni ppjanata tal-ESA 2010 għandu jkun hemm referenza għal Regolament ġdid jew emenda għar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003.

[1] Il-paragrafu 11 tal-Opinjoni Nru 2/2008.

Referenza	Kummenti
Iċ-ċitazzjonijiet	Iċ-ċitazzjoniji għandha tirreferi għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
L-Artikolu 2(1)	Fl-2014 l-ESA 95 għandha tinbidel bl-ESA 2010. Din jista' jkollha impatt sinifikanti fuq l-ING. L-Artikolu 2(1) għandu jiċċara li l-ING għandu jfisser ING annwali bil-prezz tas-suq fl-applikazzjoni tal-ESA fis-seħħ għas-sena kkonċernata.
L-Artikolu 4(2)	Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jipprovdu deskrizzjoni kull sitt xhur lill-Kummissjoni ta' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet tal-VAT misjuba li jinvolvu intitolamenti 'l fuq minn EUR 10 000 ikun piż addizzjonali konsiderevoli għall-Istati Membri bi ftit użu għall-Kummissjoni (ara l-paragrafu 19).
L-Artikoli 5(4) u 7(2)	Il-limiti preċiżi tal-aċċess tal-ispetturi tal-Kummissjoni (u dawk tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri) għandhom ikunu espliċiti fir-rigward tal-VAT u l-FTT (ara l-paragrafi 20 sa 22 u 36).
L-Artikolu 7	Ma tikkonċernax il-verżjoni Maltija.

Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti — COM(2011) 742

Referenza	Kummenti
COM(2011) 742	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 li huwa kkwotat fil-COM(2011) 742 jirreferi għall-ING fl-applikazzjoni tal-ESA 95. Minħabba l-introduzzjoni ppjanata tal-ESA 2010 għandu jkun hemm referenza għal Regolament ġdid jew emenda għar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003.
L-Artikolu 12	Id-differenza fit-trattament tad-djun tal-Komunità soġġetti għal proċeduri ta' rkupru bejn dawk l-ammonti li ma kinux tħallsu kif xieraq skont il-politika agrikola komuni u d-djun ta' dazji doganali hija miżmuma (ara l-paragrafu 24).

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid tad-dispożizzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq taxxa fuq il-valur miżjud — COM(2011) 737

Referenza	Kummenti
L-Artikolu 2(1)	Il-Qorti tirrakkomanda li għandha ssir referenza għal "akkwiżizzjonijiet ġewwa l-Unjoni", sabiex tirrifletti t-terminoloġija ġejja mit-Trattat ta' Lisbona.
L-Artikolu 3	Element wieħed tal-kalkolu meħtieġ biex tiġi stabbilita l-VAT li għandha titħallas bħala riżorsa proprja jiddependi fuq it-tip ta' *data* statistika kumplessa li tintuża għall-kalkolu tar-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT (ara l-paragrafu 17). Madankollu, l-element tal-kalkolu isir darba biss għall-UE kollha u għall-perjodu ta' seba' snin sħaħ.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-Lussemburgu fl-20 ta' Marzu 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

Il-President

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT